## KRONAKA TAL-GHAQDA

### IL-PRESIDENT F'CHICAGO

Dan l-aħħar il-Prof. Dr. G. Galea, President tal-Għaqda, kien siefer għall-Amerika biex jippreżenta l-Gvern ta' Malta fit-Tieni Konferenza tad-Dinja dwar it-Tagħlim Mediku li saret Chicago bejn l-aħħar ta' Awissu u l-bidu ta' Settembru li għadda. Hadu sehem fil-Konferenza delagati mill-pajjiżi kollha ċivilizzati tad-dinja u l-Professur tkellem dwar is-sistemi moderni għat-tagħlim tat-tobba.

Wara l-Konferenza, il-Professur Galea mar Detroit u minn hemm tala' l-Kanada; wara tar għal Boston u New York u mbagħad mar iżur il-Messiku.

Fl-Istati Uniti u fil-Kanada l-President tagħna fittex li jiltaqa' mal-Maltin fosthom il-Membri Korrispondenti tal-"Għaqda", is-Sur Ġorġ Bonavia ta' Windsor u s-Sur Romeo Von Boubmart Psayla ta' New Jersey. Kull fejn mar il-President kien milqugħ b'il-qalb kollha mill-Maltin li stednuh u wrewh kemm hi sħiħa r-rabta tal-Maltin b'mezz tal-lsien tagħhom.

## KOTBA BIL-MALTI GHALL-QARREJA MALTIN F'MELBOURNE

Is-Sur ĠUŻI ABELA, kontributur ta' proża u versi f'IL-MALTI, Student tat-Teoloġija fil-"Corpus Christi College, Werribeen, Victoria", Awstralja, talabna niġbrulu xi kotba għall-qari, l-iktar bil-Malti, billi għandu l-ħsieb li jgħaqqad librerija għall-użu tal-Maltin.

Il-kotba jistgħu jintbagħtu lilu direttament, jew biex iktar jitħaffef ix-xogħol, lis-Sur G. Tanti, 38, Sta. Vennera Street, Msida, u dan imbagħad jieħu ħsieb jibgħathomlu.

L-ittra li tinbagħat lis-Sur Tanti mal-kotba tista' tinkiteb **skond il-formula ta' hawn isfel kif bagħat igħidilna s-Sur Ġ.** Abela stess.

Għalhekk tkun ħaġa ta' fejda u għajnuna għal dan l-iskop hekk patrijottiku jekk wieħed jista' jiddisponi b'dan il-mod minn xi kotba żejda u li m'għandux bżonnhom, u jiġbor xi kotba oħra minn għand ħbieb u jgħarraf bihom lis-Sur Tanti.

**Formula ta' l-Ittra**

Għażiż Sur Tanti,

Is-Sur G. Abela tas-Seminarju ta' Melbourne talabna xi kotba għal-Librerija li qed igħaqqad għall-Maltin ta' hemm.



Billi qalli wkoll, b'mezz tad-Direttur ta' IL-MALTI biex nikkomunika miegħek, issa għandi l-pjaċir ngħarrfek li ġbartlu madwar .......... ktieb, biex meta tkun tista' tiġi għalihom.

L-aħjar ħinijiet għalija jkunu .........

Għoddni tiegħek,

Is-Sur G. Tanti,
38, St. Vennera Street,
Msida.

---

## TALBA LILL-KONTRIBUTURI TA' KITBA F'"IL-MALTI

**Nitolbu bil-ħrara kollha lil dawk il-kontributuri ta' kitba f'"Il-Malti" sew ta' proża kemm ta' versi, biex, kemm jista' jkun jibagħtulna oriġinali miktubin ċar u, jekk ittajpjati, il-kitba ittajpjata tkun ukoll ċara, u bi spazju, bejn vers u ieħor, ta' żewġ linji (double line spacing); terġa', fejn il-"key board" tat-typewriter ma jkollux tipi ta' karattri Maltin, il-kittieb jieħu ħsieb jimmarka bil-linka d-dijakritiċi meħteġa fuq dawk l-ittri li huma neqsin minn dawn it-tipi Maltin. F'dan il-każ jaqbel iżjed li l-manuskritt ikun miktub bil-pinna jekk il-kittieb għandu kalligrafija ċara.**

**Qed insibu li hu ta' tfixkil kbir u ta' telf ta' żmien fil-kompożizzjoni ta' l-istampa meta dawn il-munuskritti ma jkunux miktubin ċar jew ittajpjati ħażin.**

---

**Xi kontributuri ta' artikoli, novelli, bijografiji, eċċ., jiġi li jibagħtu għall-pubblikazzjoni lill-ġurnali, rivisti, eċċ., xi kitba tagħhom li jkunu diġà bagħtuha lilna għall-pubblikazzjoni f'"IL-MALTI". Jiġri li għalhekk din il-kitba tidher f'żewġ pubblikazzjonijiet differenti, ħaġa li xejn ma tixraq u taqbel għalina, u lanqas għal edituri oħra. Meta l-artiklu jkun miktub b'mod differenti fil-ħsieb u fid-dettalji fiha u ma fihiex, imma lanqas hekk ma tant jixraq li tidher ebda pubblikazzjoni ħlief f'xi każ speċjali ta' interess storiku jew bijografiku.**

**Jiddispjaċina, għalhekk, illi jkollna nħallu barra dawk il-kitbiet li jkunu diġà dehru f'rivisti jew ġurnali oħra.**